MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta tat-3 ta' Mejju, 2004

Avviz Numru. 113/2004

**Amal Company Limited**

**vs**

**Marsalite Company Limited**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' erbat elef, u tmien liri Maltin (Lm4,008) rapprezentanti ammont dovut in konnessjoni ma' xogholijiet ta' aluminium kif ukoll servizzi ohra pprestati lis-socjeta' konvenuta fuq inkarigu taghha.

Bl-ispejjez, komprizi dawk l-ittra nterpellatorja tal-5 ta' Jannar, 2004, u bl-imghax legali kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-

gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx, la fid-19 ta' April, 2004, meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------